MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 427/2005/1

**Maltacom plc**

**vs**

**Angelo u Mary konjugi Abela**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' April, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Frar 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenuti ihallsu is-somma ta' Lm490.08 (erba` mija u disghin Lira Maltin u tmien centezmi) dovuti ghal servizzi telefonici.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-konvenuti ghandhom jaghtu li s-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm490.08 (erba` mija u disghin lira Maltin u tmien centezmi) in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21451739, 21450086, u 21456117 illi interpellati diversi drabi sabiex jaghddu ghal-hlas il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra r-risposta fejn inghad:
L-ammont pretiz m’huwiex dovut mill-konvenuti fl-interezza tieghu ghaliex bosta mil-linji li saret referenza ghalihom fit-talba attrici kienu jappartejnu u jintuzaw mis-socjeta` “Camela Contractors Ltd” li taghha l-konvenut Angelo Abela kien wiehed mill-azzjonisti u mid-diretturi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi s-socjeta` attrici qed tirreklama s-somma mitluba ta’ erbgha mija u disghin lira Maltin u tmien centezmi (Lm490.08) ghal servizzi prestati lil Angelo Abela. Il-konvenuti da parti taghhom tramite Angelo Abela ma hux kontestat l-istess ammont, imma qed jghidu huma li ma kienux tieghu personalment imma fuq socjeta b’isem ta’ Camela Contractors Limited li sussegwentement giet likwidata u ghalhekk ma ghandhux x’ jirrispondi ghal-istess ammont. Prova ta dan ma ngabet bl-ebda mod u manjiera u lanqas ma gew prezentati l-kontijiet ta’ l-istess kumpanija sabiex jigu ndikati li tali servizzi kienu qed jinghataw lilha u ghalhekk kienet riedet thallashom hi u allura kienet tkun responsabbli ghalihom hi. Meta xehed l-istess konvenut fis-seduta tal-12 ta’ Lulju 2005, huwa kien ametta li kien applika ghal-istess telephone, ghamel il-kuntratti hu pero’ ma ndikax lil Maltacom illi dawn kienu ser jintuzaw mill-kumpanija, di fatti telephone minnhom imur id-dar u tnejn minnhom kienu fuq l-ufficju tal-kumpanija. L-iskop, anzi l-hsieb dwar din il-manuvra kienet illi biex jifrankaw ir-rati kummercjali u biex ihalsu biss ammonti residenzjali. Id-dokumenti esebiti kollha

jindikaw illi t-talba saret minghand John Abela personali u qatt f'isem din il-kumpanija.

Il-kuntratti wkoll hemm esebiti a Fol 22 sa Fol 27 tal-process kollha jindikaw li qed issir talba minghand John Abela biex tasal il-linja telefonika bi skop residenzjali. Mhux l-ecitu li l-istess konvenut f'dan l-istadju u f'dawn il-proceduri li l-manuvra kummercjali da parti ta' l-ex partner tieghu sabiex jifrankaw il-flus kien aplika kollox f'ismu. Hu John Abela li ghandhu jirrispondi. Huwa fl-interess tieghu jekk irid illi jdur fuq l-ex partner tieghu biex jigu akkordati dawn il-proceduri sabiex jirrinbursah sehemu peress illi llum il-gurnata l-kumpanija hija likwidata ghal falliet.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihalsu lil Korporazzjoni attrici s-somma ta' tlett elef erbgha mija u disghin lira Maltin u tmien centezmi (LM3490.08), bl-ispejjes kif mitluba, salv sic et quatenus u drittijiet tal-konvenuti li jipprocedu kontra din il-kumpanija sic et quatenus u jew Remigio Attard."

Kontra din is-sentenza l-konvenuti jressqu dawn l-obbjezzjonijiet:-

(1) Preliminarjament, lit-Tribunal sfuggielu ghal kollox il-fatt illi kienet intalbet is-sejha fil-kawza tas-socjeta` "Camela Contractors Ltd". Effettivament din is-socjeta` lanqas giet inkluza fl-okkju tas-sentenza u dan iwassal ghan-nullita` taghha. Preliminarjament ukoll il-konvenuta Mary Abela ma gietx notifikata bit-talba u ghalhekk din messha giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

(2) Fil-mertu, it-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat u wasal ghal konkluzjoni errata. L-appellanti jsostnu f' dan il-kuntest illi ngiebu provi sufficjenti li l-linji tat-telefon intuzaw mis-socjeta` Camela Contractors Ltd;

(3) Mhux komprensibbli li l-kundanna tkun ghall-ammont superjuri minn dak mitlub fid-domanda tas-socjeta` appellata;

Huwa ferm logiku illi jekk l-eccezzjoni preliminari sollevata tan-nullita` tas-sentenza tirrizulta fondata ma jkunx hemm aktar htiega li din il-Qorti tinvesti l-mertu;

L-appellanti qed jissottomettu illi s-sentenza moghtija mit-Tribunal hi affetta minn vizzju fl-okkju taghha ghaliex jonqos fih l-indikazzjoni tas-socjeta` Camela Contractors Ltd li huma jghidu li giet kjamata fil-kawza. Bla dubju jekk din l-affermazzjoni taghhom tirrizulta sostenuta allura jkollu jinghad illi din il-Qorti tat-tieni istanza ma tistax tordna l-korrezzjoni ta' dak l-okkju ghaliex l-Artikolu 175 (2) tal-Kodici ta' Procedura ma jestendix is-setgha fil-Qorti ta' l-Appell li tordna l-korrezzjoni ta' l-atti li jkunu saru quddiem il-Qorti ta' l-ewwel istanza. Dan lanqas skond l-emendi apportati lil dak il-Kodici bl-Att XXIV ta' l-1995 billi bazikament is-subinciz (2) ta' l-Artikolu 175 baqa' immutat minn dak li kien qabel. Ara "**Joseph Busuttil -vs- Avukat Dottor John Mamo *nomine***", Appell, 28 ta' Frar 1997 u "**Victor Zammit *et* -vs- Joseph Stivala**", Appell, 19 ta' April 1999. Jekk allura dak l-izball jew nuqqas mhux korreggibbli u ma jistax jissewwa minn din il-Qorti l-konsegwenza hi li l-Qorti ma tistax taghmel haga ohra hlief li tirrevoka s-sentenza. Ara **Kollez. Vol. XXXV P I p 247**; **Vol. XXXVI P I p 200** u **Vol. XLIV P I p 251**;

Precizat dan, il-Qorti trid tara jekk fil-kaz prezenti l-aggravju preliminari sottomess huwiex sostenibbli;

Minn ezami ta' l-inkartament tal-kawza quddiem it-Tribunal din il-Qorti ma rrizultalha minn imkien illi saret xi talba formali u espressa lit-Tribunal ghal kjamata fil-kawza tas-socjeta` Camela Contractors Ltd. Lanqas ma jirrizulta minn xi digriet jew verbal illi dak it-Tribunal akkolja xi talba bhal din. Insibu biss "Avviz lil Terza Persuna" (fol. 17) u "Avviz lil Terza Persuna" (fol. 19) presumibilment emessi mill-konvenuti. B' daqshekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma

jgibx illi effettivament kienet awtorizzata dik is-sejha biex jista' jinghad li s-socjeta` msemmija kellha tkun trattata bhala parti fil-kawza, fil-kwalita` ta' konvenut (Artikolu 962, Kapitolu 12) u kwindi bhala *litigatores* imsemmija fid-dritt Ruman (ara **Kollez. Vol. XXIX P I p 768**). Jibqa' l-fatt illi kif espress fl-Artikolu 961, Kapitolu 12, ghal dik is-sejha ried ikun hemm digriet tat-Tribunal u dan, kif gja nghad, hu ghal kollox mankanti f' dan il-kaz. F' dawn ic-cirkustanzi din il-Qorti ma tistax leggerment taccetta dak asserit mill-appellanti li huma ressqu talba ghas-sejha fil-kawza tas-socjeta` Camela Contractors Ltd u li din giet injorata mit-Tribunal fl-okkju tas-sentenza. L-aggravju fuq dan il-punt qieghed ghalhekk jigi respint;

Kwantu ghan-notifika ta' l-att ta' l-avviz lill-appellanti Mary Abela jirrizulta kjarament mir-riferta tal-purtier illi tali att gie notifikat lill-appellanti konguntament fis-17 ta' Frar 2005. Effettivament ukoll l-eccezzjoni ntavolata saret f' isem iz-zewg konvenuti. Ankorke` kellu pero` jigi valutat dak issa sottomess mill-appellanti, jigifieri li Mary Abela ma gietx notifikata hi wkoll b' kopja ta' l-avviz fit-termini ta' l-Artikolu 185 Kapitolu 12, allura tajjeb li jigi mfakkar illi l-pregudizzjali hekk sollevata f' dan l-istadju mhix konsentita. Dan ghaliex skond l-Artikolu 789 (2), Kodici ta' Procedura, pregudizzjali ma tistax tinghata "meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullita`". Ara "**Carmelo Schembri -vs- Pio Vassallo**", Appell Inferjuri, 24 ta' Jannar 1979. Anke allura dan l-ilment hu insostenibbli;

Fir-rigward ta' l-aggravju fil-mertu din il-Qorti ma sisbx li s-sentenza appellata tiddifetta fil-motivazzjoni taghha. Il-Qorti hi sodisfatta mill-provi illi s-*subscriber* rikonoxxut li applika ghal linji tat-*telephones* kien l-appellanti Angelo Abela u mhux il-kumpanija. Dan hu sahansitra hekk rikonoxxut minnu (ara deposizzjoni tieghu a fol. 30. Hu ghal kollox immaterjali, li l-uzu ta' whud minnhom sar mill-kumpanija. Lanqas ma hi rilevant x' arrangament kien hemm bejn l-istess appellanti u l-kumpanija. Gjaladarba

hu kien il-firmatarju tal-ftehim mas-socjeta` attrici (ara dokumenti a fol. 22, 23 u 24 u x-xhieda ta’ Paul Busuttil, fol. 35) ir-relazzjoni kontrattwali kienet bejnu u din is-socjeta` u allura hu kien, u hekk baqa’, responsabbli ghall-kontijiet sal-mument meta s-servizz giet terminat. Ara decizjoni b’ fattispeci jixxiehbu hafna in re “**Korporazzjoni Telemalta -vs- Tony Cardona *et***”, Appell, 30 ta’ Marzu 2001. Minn dan li nghad isegwi illi anke l-obbjezzjoni ta’ l-appellanti fil-mertu ma timmerita ebda akkoljiment;

Inversament, hu ghal kollox fondat l-ahhar aggravju. Din il-Qorti ma tixba qatt tissenjala u tirrakkomanda l-attenzjoni dovuta ghat-talba kif dedotta. Is-sommarjeta u l-ispeditezza li jippreskrivi l-Artikolu 9 (2) (a) ta’ l-Att V ta’ l-1995 ma ghandhom qatt jitrasmodaw f’ leggerezza u superficjalita`. F’ dan il-kaz din il-Qorti tahseb li dak li gara sar bi zvista jew *lapsus calami* u li fil-fatt il-kundanna ma kellhiex tkun dik fis-somma indikata fil-parti decizorja tas-sentenza (Lm3490.08), u li, *ictu oculi*, tissupera sahansitra l-kompetenza tat-Tribunal adit [Artikolu 3 (2)], imma dik tas-somma reklamata (Lm490.08) ghal liema l-istess Tribunal espressament jirreferi fil-parti razzjonali ta’ l-istess sentenza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt li tirrespingi l-ewwel zewg aggravji kif fuq riportati, tilqa’ t-tielet aggravju u b’ hekk tikkundanna lill-appellanti jhallsu lis-socjeta` attrici appellata s-somma ta’ erba’ mija u disghin lira Maltija u tmien centezmi (Lm490.08) mitluba fl-avviz. L-ispejjez taz-zewg istanzi, li jibqghu a karigu ta’ l-appellanti, ghandhom jigu ntaxxati fuq din is-somma.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------